KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-25 ta' Ġunju 2007

li temenda d-Deċiżjoni 2004/452/KE li tfassal elenku ta' entitajiet li r-riċerkaturi tagħhom jista' jkollhom aċċess għal *data* kunfidenzjali għal għanijiet xjentifiċi

(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 2565)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2007/439/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 tas-17 ta' Frar 1997 dwar Statistika tal-Komunità [1], u b'mod partikulari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 831/2002 tas-17 ta' Mejju 2002 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 dwar l-Istatisika tal-Komunità, rigward fakoltà ta' użu ta' *data* kunfidenzjali għal skopijiet xjentifiċi [2], biex wieħed ikun jista' jasal għal konklużjonijiet ta' statistika għal skopijiet xjentifiċi, jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li taħthom jista' jingħata aċċess għal *data* kunfidenzjali mgħoddija lill-awtorità tal-Kommunità kif ukoll ir-regoli ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Komunità u l-awtoritajiet nazzjonali ħalli jiġi ffaċilitat dan l-aċċess.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/452/KE [3] stipulat elenku ta' entitajiet li r-riċerkaturi tagħhom jista' jkollhom aċċess għal *data* kunfidenzjali għal skopijiet xjentifiċi.

(3) Il-Katedra tar-Riċerka tal-Kanada ta' l-Iskola tax-Xjenza Soċjali fil-Fakultà ta' Atkinson għall-Istudji Liberali u Professjonali fl-Università ta' York, f'Ontarjo, il-Kanada, għandha titqies bħala entità li tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa u għalhekk għandha tiżdied mal-lista ta' l-aġenziji, organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 831/2002.

(4) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat dwar il-Konfidenzjalità ta' l-Istatistika,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni 2004/452/KE jinbidel bit-test stipulat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 25 ta' Ġunju 2007.

Għall-Kummissjoni

Joaquín ALMUNIA

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 52, 22.2.1997, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

[2] ĠU L 133, 18.5.2002, p. 7. Ir-Regolament kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 1104/2006 (ĠU L 197, 19.7.2006, p. 3).

[3] ĠU L 156, 30.4.2004, p. 1. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni 2007/229/KE (ĠU L 99, 14.4.2007, p. 11).

ANNESS

"ANNESS

ISTITUZZJONIJIET LI R-RIĊERKATURI TAGĦHOM JISTA' JKOLLHOM AĊĊESS GĦAL *DATA* KUNFIDENZJALI GĦAL SKOPIJIET XJENTIFIĊI

Il-Bank Ċentrali Ewropew

Il-Bank Ċentrali Spanjol

Il-Bank Ċentrali Taljan

L-Università ta' Cornell (Stat ta' New York, l-Istati Uniti ta' l-Amerika)

Id-Dipartiment tax-Xjenza Politika, Baruch College, l-Università tal-Belt ta' New York (l-Istat ta' New York, l-Istati Uniti ta' l-Amerika)

Il-Bank Ċentrali Ġermaniż

L-Unità ta' l-Analiżi ta' l-Impjiegi, Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Opportunitajiet Indaqs tal-Kummissjoni Ewropea

L-Università ta' Tel. Aviv (l-Iżrael)

Il-Bank Dinji

Iċ-Ċentru tas-Saħħa u l-Benessri (CHW) ta' l-Iskola Woodrow Wilson ta' l-Affarijiet Pubbliċi u Internazzjonali fl-Università ta' Princeton, New Jersey, fl-Istati Uniti ta' l-Amerika

L-Università ta' Chicago (UofC), Illinois, l-Istati Uniti ta' l-Amerika

L-Organizzazzjoni għal Kooperazzjoni u Żvilupp Ekonomiku (l-OECD)

It-Taqsima ta' l-Istatistika ta' l-Istudji tal-Familja u x-Xogħol tal-Kanada, Ottawa, Ontario, il-Kanada

L-Unità ta' l-Appoġġ ta' l-Ekonometrika u l-Istatistika Kontra l-Frodi (ESAF), id-Direttorat Ġenerali, iċ-Ċentru Konġunt ta' Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea

L-Unità ta' l-Appoġġ liż-Żona Ewropea ta' Riċerka (SERA), id-Direttorat Ġenerali, iċ-Ċentru Konġunt ta' Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea

Il-Katedra tar-Riċerka tal-Kanada ta' l-Iskola tax-Xjenza Soċjali fil-Fakultà ta' Atkinson għall-Istudji Liberali u Professjonali fl-Università ta' York, f'Ontario, il-Kanada"